MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 1023/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Farrugia)

vs

Michael Bezzina
Etienne Carmel Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati detenturi ta' karti ta' identita' numru 295163M u 434371M rispettivament, akkuzati talli nhar is-27 ta' Settembru 2006 f'dawn il-Gzejjer gewwa Triq Giuseppe Stivala, Naxxar:

1. kontra Etienne Carmel Farrugia wahdu: li minghajr il-hsieb li joqtol jew ipoggi il-hajja f'perikolu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Michael Bezzina, detentur ta' karta ta' identita' numru 295163M, skond Dr

Joseph Saliba M.D u Dr T. Mintoff M.D – bi ksur ta’ l-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. kontra Michael Angelo Bezzina talli kkawza ferita ta’ natura hafifa per durata fuq il-persuna ta’ Etienne Carmel Farrugia;

3. kontra Michael Angelo Bezzina wahdu talli volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (nuccali), ghad-dannu ta’ Etienne Carmel Farrugia, liema hsara ma teccedix il-Lm500 imma aktar minn Lm50 – bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9.

4. kontra z-zewg imputati f’daqqa talli volontarjament qalu kliem oxen u espressjonijiet ta’ dagha – ai termini tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap 9;

5. kontra Michael Bezzina talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar tlett xhur b’diversi atti maghmula b’risoluzzjoni wahda ghamel ingurji u theddid (bil-mewt) lil Etienne Carmel Farrugia u terzi persuni ohra, liema ingurji u thedid mhux imsemmija band’ohra f’dawn il-Kodici jew jekk ipprovokat ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Michael Angelo Bezzina u Etienne Carmel Farrugia billi torbot l-imputati rispettivi b’dawk il-kondizzjonijiet li jidrilha xieraq ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li bih baghat l-atti tal-kumpilazzjoni lil din il-Qorti sabiex fin-nuqqas ta’ opposizzjoni min-naha tal-imputati tiddeciedi dwar il-htija jew htijiet rispettivi jew altrimenti;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex huma jigu gudikati minn dina l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kienux ser jixhdu u li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli kontra xulxin;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali:

- l-imputat Etienne Carmel Farrugia hu akkuzat ta’ ferita gravi li ggib debulizza permanenti jew sfregju, ta’ ferita hafifa, ta’ hsara volontarja, ta’ ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u ta’ dagha;
- l-istess hu akkuzat l-imputat Michael Bezzina;

Issa l-imputati huma akkuzati flimkien ghal dawn ir-reati li joriginaw minn glieda li kellhom kontra xulxin fil-gurnata, hin u lok indikati fl-akkuza. Jirrizulta ben car li f’din il-glieda l-imputati hebbew ghal xulxin u entrambi spiccaw sofrew xi feriti. Ftit hu rilevanti x’wassal ghall-argument u l-konsegwenti glieda. Dak, invece, li fil-fehma tal-Qorti hu rilevanti, huma l-feriti allegatament gravi jew ta’ xort’ohra li sofrew l-imputati konsegwenza tal-glieda u hu ghalhekk opportun f’dan l-istadju li jigu identifikati l-griehi sofferti minn kull wiehed mill-imputati. F’dan il-kuntest jirrizulta li l-imputat Michael Bezzina sofra: i. ferita miftuha u fonda li testendi miz-zona parietali saz-zona occipitali; ii. ferita miftuha u zghira fuq in-naha tax-xellug tal-ghonq; iii. ferita miftuha izda zghira fiz-zona parietali tax-xellug; iv. ferita miftuha fuq l-ghajn tax-xellug; v. nefha u tbengila fil-kappell ta’ fuq l-ghajn tax-xellug –feriti dawn li stante li jolqtu l-wicc gew klassifikati bhala gravi ‘per natura’ – u feriti konsistenti fi grief u tbengil sofferti mill-imputat l-iehor Etienne Carmel Farrugia li gew klassifikati bhala hfief.

Illi mill-provi prodotti fattur ta’ riljev, anka ghal finijiet ta’ piena, hu li kien l-imputat Etienne Carmel Farrugia li resaq lejn l-imputat l-iehor fil-waqt li dan ta’ l-ahhar kien hiereg mill-garage ta’ habib tieghu u li konsegwenza tal-glieda sofra griehi ta’ entita’ aktar serji mill-imputat Etienne Carmel Farrugia. Fatturi ohra ta’ riljev huma li fil-kors tal-glieda safa mkisser nuccali ta’ l-imputat Etienne Carmel Farrugia li jiswa Lm95 (il-fatt tal-ksur mhux necessarjament attriwibbli lill-imputat Michael Bezzina) u li gie eskluz li l-feriti sofferti mill-imputat Michael Bezzina hallew xi sfregju f’wiccu.

Illi kollox ma kollox il-Qorti ssib liz-zewg imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom hlief l-akkuzi kontravenzjonali rigward l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika u tad-dagha li mill-provi ma jirrizultawx. Hi l-fehma tal-Qorti minn dak li kkonsidrat aktar ‘il fuq il r-reita’ tal-imputati ghandha tkun f’misura ugwali.

Rat ghalhekk l-Artikolu 214 u l-Artikolu 216(2) tal-Kap 9.
Ikkonsidrat r-regoli dwar il-assorbimenti ta’ reati.
Tikkundanna lill-imputati mitejn euro multa kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------